**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Gunju 2017**

**Talba Nru: 199/17 CZ**

**M. Demajo & Company Ltd. (C-2523)**

**vs.**

**Malta 4U Limited (C-78242)**

## It-Tribunal,

Ra t-talba tas-socjeta' attrici fejn premettiet illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf, erba' mija u hamsa u sittin Euro u sitt centezmi (€1,465.06) rapprezentanti prezz ta' merkanzija ossia kafe' u prodotti tal-ikel mibjugha u kkonsenjati lill-istess socjeta' konvenuta fuq struzzjonijiet taghha stess u servizzi ohra ancillari, u dana hekk kif jirrizulta mill-fatturi/Delivery notes kif ukoll mir-rendikont illi qeghdin jigu annessi u mmarkati

bahal Dok. A sa Dok. E rispettivament oltre l-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv;

Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet debitament interpellata sabiex thallas din is-somma, hija baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant, is-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba' mija u hamsa u sittin Euro u sitt centezmi (€1,465.06) u dana oltre l-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez u d-drittijiet ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz, kontra s-socjeta' konvenuta illi tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra illi fis-seduta tas-6 ta' Gunju giet prezentata nota ta' riduzzjoni li permezz taghha l-ammont mitlub gie mnaqqas ghal disa' mija u hamsa w sittin Euro u sitt centezmi (€965.06).

Ra wkoll illi fl-istess seduta deher l-avukat difensur tal-konvenut u pprezenta nota ta' ammissjoni ghall-ammont kif ridott.

Ra illi din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Illi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba kif dedotta tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenut, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u hamsa w sittin Euro u sitt centezmi (€965.06) bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-jum tal-hlas effettiv. L-ispejjez jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur